

Brussell, 1 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7161/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0043(NLE)

PROBA 4
AGRI 163
DEVGEN 27
FORETS 71
WTO 30
ACP 26
RELEX 255
ENV 235

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 83 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali b'deċiżjoni mingħajr ma jiltaqa' rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 83 final.

Mehmuż: COM(2024) 83 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2024
COM(2024) 83 final

2024/0043 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill
Internazzjonali tal-Injam Tropikali b'deċiżjoni mingħajr ma jiltaqa' rigward l-
estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali (minn hawn 'il quddiem l-ITTC), b'rabta mal-estensjoni proposta tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali li għe adottat fl-2006 (minn hawn 'il quddiem l-ITTA tal-2006 jew "il-Ftehim").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006

Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 għandu l-għan li jippromwovi l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-injam tropikali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda b'mod legali u li jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jipproduċu l-injam tropikali. L-Unjoni Ewropea hija parti għall-ITTA tal-2006¹.

L-ITTA tal-2006 (adottat fl-2006) issostitwixxa l-ITTA tal-1994, filwaqt li l-ewwel ITTA kien għe adottat fl-1983 (l-ITTA tal-1983).

L-ITTA tal-2006 daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011 għal perjodu ta' 10 snin. Dan għe estiż bid-Deċiżjoni 4 (LVII) tal-ITTC u bil-pożizzjoni rispettiva tal-UE stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/837 tas-6 ta' Mejju 2021² għal perjodu ta' 5 snin b'effett mis-7 ta' Diċembru 2021 sas-6 ta' Diċembru 2026. Għalhekk se jiskadi fis-6 ta' Diċembru 2026, sakemm ma titteħidx id-deċiżjoni li jiġi estiż, innegożjat mill-ġdid jew itterminat, skont l-Artikolu 44(1) tal-ITTA tal-2006. Wara l-perjodu ta' estensjoni inizjali ta' 5 snin, skont l-Artikolu 44(2), l-ITTA tal-2006 jista' jiġi estiż għal 3 snin addizzjonali b'effett mis-7 ta' Diċembru 2026 sas-6 ta' Diċembru 2029. L-ebda estensjoni mhi possibbli wara dik id-data. Il-kontinwazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO) fi kwalunkwe forma li tkun teħtieġ li jidħol fis-seħħ Ftehim ġdid.

Id-Deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim hija prerogattiva tal-ITTC, li huwa l-ogħla awtorità tal-ITTO, skont l-Artikolu 6(1) tal-ITTA tal-2006. Il-membri tal-ITTO jirrappreżentaw madwar 80 % tal-foresti tropikali tad-dinja u aktar minn 90 % tal-kummerċ tal-injam u tal-prodotti tal-injam. L-ITTC jikkonsisti mill-membri kollha tal-ITTO. L-ITTO għandha żewġ kategoriji ta' sħubija: il-produtturi u l-konsumaturi. Skont l-Artikolu 12(1) tal-ITTA tal-2006, l-ITTC għandu jagħmel ħiltu biex jieħu d-deċiżjonijiet kollha u biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha b'konsensus. Imbagħad, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq konsensus, l-ITTC għandu jieħu deċiżjoni dwar l-ITTA tal-2006 permezz ta' vot speċjali, skont l-Artikolu 44(1). Skont l-Artikolu 2(8), "Vot speċjali" ifisser vot li jeħtieġ mill-inqas żewġ terzi tal-voti mitfugħin mill-membri produtturi preżenti u li jivvutaw u mill-inqas 60 % tal-voti mitfugħin mill-membri konsumaturi preżenti u li jivvutaw, magħdudin separatament, bil-kundizzjoni li dawn il-voti jintefgħu minn tal-inqas nofs il-membri produtturi preżenti u li jivvutaw u minn tal-inqas nofs il-membri konsumaturi preżenti u li jivvutaw.

B'kollox, il-membri tal-ITTC għandhom 2 000 vot (il-produtturi u l-konsumaturi għandhom 1 000 vot kull wieħed). Il-kontribuzzjonijiet annwali u l-voti jitqassmu b'mod ugwali bejn dawn iż-żewġ caucuses. F'kull caucus, il-ħlasijiet dovuti u l-voti tal-membri individwali jiġu kkalkulati abbażi tal-kummerċ tal-injam tropikali u, fil-każ tal-produtturi, abbażi tal-firxa tal-

¹ 2007/648/KE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2007 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 (ĠU L 262, 9.10.2007, p. 6).

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32021D0837>

foresti tropikali fil-pajjiż. L-UE tħallas l-akbar sehem ivvalutat tal-kontribuzzjonijiet (imħallas mill-Kummissjoni għall-Istati Membri kollha) lill-baġit amministrattiv tal-ITTO, għandha l-akbar numru ta' voti (kif ukoll l-ogħla numru ta' membri konsumaturi) u jista' jkollha minoranza li timblokka fil-każ ta' vot speċjali.

Skont l-Artikolu 7(a), l-ITTC jista' jieħu wkoll deċizzjonijiet mingħajr ma jiltaqa'.

Fid-59 sessjoni tal-ITTC f'Novembru 2023 (ITTC59), l-ITTC iddeċieda li jieħu deċizzjoni mingħajr ma jiltaqa', sal-1 ta' Ġunju 2024, dwar jekk l-ITTA tal-2006 għandux jiġi estiż għal perjodu ta' 3 snin b'effett mis-7 ta' Diċembru 2026 sas-6 ta' Diċembru 2029, deċizzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti skont ir-Regoli ta' Proċedura 35 u 36(d)(i), u talab lill-membri biex jirreferu għad-deċizzjoni mingħajr laqgħa, kif imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq, li għandha tiġi ċċirkolata lill-membri mill-aktar fis possibbli, u talabhom ukoll biex jissottomettu l-voti tagħhom sa mhux aktar tard mis-27 ta' Mejju 2024.

2.2. L-estensjoni prevista tal-ITTA tal-2006

Hemm mistoqsijiet importanti li jeħtieġ jitwieġbu dwar il-futur tal-ITTO, inkluż l-arkitettura tal-finanzjament, l-approċċ programmatiku, u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi relatata. Fl-istess ħin, l-organizzazzjoni għandha twieġeb għal politiki orizzontali ġodda u għal ftehimiet internazzjonali ġodda b'rabta mal-foresti bħall-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Għalhekk, l-ITTO għandha ssib soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet strutturali u kostituzzjonali. Dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ jitwieġbu mill-membri, u dan jista' jwassal għal reviżjoni aktar fundamentali tal-Ftehim. Huwa mistenni li tali diskussjoni bir-reqqa mhijiex se titlesta fil-perjodu taż-żmien attwali tal-ITTA tal-2006. Għalhekk, għat-thejjja ta' kull ftehim sussegwenti se tkun meħtieġa estensjoni ulterjuri tal-ITTA 2006.

Għal dan l-għan, l-ITTC59 stabbilixxa grupp ta' ħidma preparatorju miftuħ u talbu biex jagħti spinta lill-identifikazzjoni tal-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati għal negozjar mill-ġdid fil-futur. L-ITTC59 talab ukoll lill-Grupp ta' Ħidma Preparatorju biex fl-2024 jippreżenta lill-ITTC60 rapport dwar il-modalitajiet għall-proċess tar-reviżjoni tal-ITTA tal-2006.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-att previst huwa Deċizzjoni tal-Kunsill rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-fini ta' din il-proposta huwa li l-Kummissjoni tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tagħti l-kunsens jew tivvota, f'isem l-Unjoni, favur l-estensjoni tal-ITTA tal-2006 għal perjodu addizzjonali ta' 3 snin b'deċizzjoni mingħajr laqgħa.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċizzjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li

ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att li l-ITTC huwa mitlub jadotta b’deċiżjoni mingħajr ma jiltaqa’ jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali b'deċiżjoni mingħajr ma jiltaqa' rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal 2006 (l-ITTA tal-2006) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/731/UE⁴ u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011.
- (2) Skont l-Artikolu 44(1) tal-ITTA tal-2006, il-Ftehim se jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 10 snin, wara d-dħul fis-seħħ tiegħu — sas-6 ta' Diċembru 2021 — sakemm il-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTC), permezz ta' vot speċjali f'konformità mal-Artikolu 12, ma jiddeċidix li jestendih, jinnegozjah mill-ġdid jew jiterminah f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.
- (3) L-ITTC — bħala l-ogħla awtorità tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO) — skont l-Artikolu 6 tal-ITTA tal-2006, li jikkonsisti mill-membri kollha tal-ITTO jista' jiddeċiedi li jestendi l-ITTA tal-2006 għal żewġ perjodi, perjodu inizjali ta' 5 snin u perjodu addizzjonali ta' 3 snin, skont l-Artikolu 44(2).
- (4) L-ITTA tal-2006 ġie estiż bid-Deċiżjoni 4 (LVII) tal-ITTC u bil-pożizzjoni rispettiva tal-UE stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/837 tas-6 ta' Mejju 2021⁵ għal perjodu ta' 5 snin b'effett mis-7 ta' Diċembru 2021 sas-6 ta' Diċembru 2026.
- (5) Fid-59 sessjoni tal-ITTC f'Novembru 2023, l-ITTC iddeċieda li jieħu deċiżjoni mingħajr ma jiltaqa', sal-1 ta' Ġunju 2024, dwar jekk l-ITTA tal-2006 għandux jiġi estiż għal perjodu ta' 3 snin b'effett mis-7 ta' Diċembru 2026 sas-6 ta' Diċembru 2029.
- (6) L-estensjoni addizzjonali tal-ITTA tal-2006 għall-perjodu ta' 3 snin hija fl-interess tal-Unjoni Ewropea, peress li l-ITTO teħtieġ żmien u riżorsi xierqa għat-tħejjija ta' kull ftehim sussegwenti.
- (7) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ITTC.

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32011D0731>

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32021D0837>

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali għandha tkun li tagħti kunsens jew tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006, għal perjodu addizzjonali ta' 3 snin.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President